**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 375/2015**

**Arthur Castillo (KI 222862M) u Mark Vassallo (KI 91668M) fil-kapacita' taghhom ta' Diretturi tas-socjeta' kummercjali Vascas Enterprises Limited (C 17826)**

**vs**

**Direttur Generali tad-Dwana**

**Illum, 27 ta' Frar, 2019**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tal-atturi li talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut:

"1. Tirrevoka n-Nota ta' Qbid bin-numru 190/2015 datata s-17 ta' Novembru 2015 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok A); u konsegwentement

2. Tirrilaxxa dawk l-oggetti illi jinsabu maqbuda ai termini tal-istess Nota ta' Qbid bin-numru 190/2015.

U dan taht il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez tal-prezenti inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 3142/15 datata t-30 ta' Novembru 2015 (Dok B hawn anness) kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ukoll ir-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

"1. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin.

2. Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

   i. Illi fit-13 t' Awwissu 2013, fis-Sezzjoni tad-Dwana maghrufa bhala l-Airfreight Section f'Hal-Luqa, waslet merkanzija li kienet tinkludi tlett (3) arloggi tal-idejn bic-cineg taghhom imwahhlin mal-istess arloggi. Dawn l-arloggi waslu f'Malta mill-Isvizzera u kellhom ic-cineg taghhom maghmulin mill-gilda Alligator Mississipiensis, liema annimal hu protett taht il-konvenzjoni hekk imsejjha tas-CITES, kif ukoll taht ir-Regolamenti AL 236 tal-2004 li jirrigwardaw Trade in Species and Flora.

ii. Jirrizulta li dawn ic-cineg imwahhlin mal-arloggi rispettivi taghhom gew importati mir-rikorrenti Arthur Castillo u Mark Vassallo fil-kapacita' taghhom ta' Diretturi tas-socjeta' Vascas Enterprises Limited (C 17826).

iii. Illi l-imsemmija arloggi bic-cineg tal-gilda kien jehtieg li jkollhom certifikat ai termini tal-konvenzjoni tas-CITES, liema konvenzjoni ghandha l-ghan sabiex ikun hemm kontroll effettiv tal-uzu ta' glud minn certu speci ta' annimali li jinsabu f'riskju ta' estinzjoni u ghalhekk jaqghu taht il-protezzjoni ta' dik il-Konvenzjoni.

iv. Illi Malta hija firmatarja tal-imsemmija Konvenzjoni u l-awtorita kompetenti f'dan ir-rigward hija l-Awtorita dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

v. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, l-esponent ta struzzjonijiet biex l-konsenja ta' tlett (3) arloggi tal-idejn tinzamm peress li dan kien tentattiv biex jigu importati oggetti ristretti, u cioe arloggi bic-cineg ta' gilda tal-annimali li ma kienux koperti bid-dokumentazzjoni apposita kif titlob il-Konvenzjoni tas-CITES.

vi. Ghalhekk peress li irrizulta li kien hemm ksur tal-provvedimenti tal-Kap 37 inharget in-Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 190/2015 liema dokument qed jigi hawn anness u immarkat bhala Dok DG.

vii. Illi permezz tan-Nota ta' Qbid numru 190/2015, l-esponent qabad dawn it-tlett (3) arloggi tal-idejn li

kienu iddahhlu f’Malta bic-cineg imwahhlin maghhom, liema cineg kienu maghmulin mill-gilda ta’ annimal protett cioe l-’alligator’. Dawn l-arloggi huwa deskritti bhala:

‘Three wrist watches with Alligator straps as follows:

A. One piece number 32217OR31.BAC80;

B. Two piece number 78225AO11.BAC07.’

viii. Illi jirrizulta li din il-merkanzija originat mill-Isvizzera u kienet indirizzata lill-kumpanija rikorrenti. Il-merkanzija kienet waslet Malta permezz ta’ titjira bin-numru LH 1276 mill-Isvizzera u kellha Airway Bill number 020-8112 1342. Illi jirrizulta li l-imsemmija kumpannija kienet ipprezentat dokument lid-Dwana bin-numru ta’ referenza 2015602396022 ghar-rilaxx tat-tlett (3) arloggi in kwistjoni, pero’ naqqset li tipprezenta c-certifikat li jkopri l-imsemmija arloggi ai termini tal-konvenzjoni tas-CITES, kif kienet obbligata li taghmel skont il-ligi f’kaz ta’ oggetti li ghandhom gilda ta’ l-annimali koperti bl-istess Konvenzjoni.

ix. Illi peress li jirrizulta car li dawn it-tlett arloggi bic-cineg tal-gilda tal-’alligator’ imwahhlin maghhom ma kienux koperti b’certifikati appositi ‘in anticipo’ tal-wasla taghhom f’Malta kif jitolbu ir-regolamenti tas-CITES, jirrizulta li dawn kienu oggetti li l-importazzjoni taghhom kienet projbita ai termini tal-Artikolu 60(b) tal-Kap 37.

3. Salv eccezzjonijet ulterjuri, jekk jkun il-kaz.

> Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt minhabba l-fatt li l-merkanzija in kwistjoni inqabdet ai termini tal-Artikoli 60(b) tal-Kap 37, bl-ispejjez."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tat-02 ta' Awissu 2018.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat tat-12 ta' Ottubru 2018.

Semghet is-sottomissjonijiet orali ulterjuri tal-partijiet fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti (1) Tirrevoka n-Nota ta' Qbid bin-numru 190/2015 li permezz taghha nqabdu l-oggetti mertu tal-kawza u (2) Tirrilaxxa dawk l-oggetti illi jinsabu hekk maqbuda.

L-intimat jeccepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta tieghu.

**Provi Rikorrenti**

**Mark Vassallo**[1] xehed fid-19 ta' Ottubru, 2016 fejn spjega li fost l-arloggi maqbuda mill-intimat kien hemm tlieta (3) in partikolari li kellhom ic-cinga maghmula mill-gilda tal-kukkudrill b'valur ta' madwar erbat elef Ewro (€4,000) li maghhom kellhom certifikat meqjus bhala *CITES Certificate*.[2]

Kif waslet il-konsenja gew informati mid-Dwana, sabiex johorgu x-xoghol izda kif mar, gie mgharraf minn ufficjal tad-Dwana fil-prezenza ta' ufficjal tal-MEPA li ma setax johrog dawn it-tlett (3) arloggi minghajr ic-*CITES Certificate* mahrug mill-*MEPA*. Ghalkemm huwa staqsa jekk setax japplika ghal dan ic-certifikat, gie informat li kien tilef dan ic-cans peress li kellu japplika ghalih qabel. Huwa kkonferma li c-certifikat ipprezentat dakinhar kien jinsab mal-konsenja tax-xoghol izda huwa gie mitlub jipprezenta certifikat iehor limitatament ghat-tlett (3) arloggi kkoncernati.

Peress li l-kwestjoni kienet tirrigwarda c-cineg u mhux l-arloggi, ix-xhud spjega li halla c-cineg lill-istess ufficjali u ha l-arloggi fil-prezenza tal-istess. Izda madwar siegha wara gie informat telefonikament mid-Dwana sabiex jirritorna l-arloggi u inghata struzzjonijiet sabiex jaghmel talba lid-Dwana sabiex jiehu l-arloggi. L-arloggi gew irritornati lill-ufficjali dakinhar stess u sussegwentement bghatu ittra sabiex jiehdu lura l-arloggi. Izda dawn l-arloggi baqghu ma haduhomx.

Ix-xhud stqarr li normalment din il-procedura relatata mad-Dwana u l-*MEPA* kien jiehu hsiebha impjegat taghhom izda f'dan il-kaz partikolari kien mar ix-xhud stess peress li dan l-impjegat kien telaq mix-xoghol.

[1] Direttur tas-socjeta` *Vascas Enterprises Limited* - A folio 18 sa 20 tal-process.
[2] Dok. MV1 - A folio 21 tal-process - Certifikat originali muri lill-Qorti izda giet ipprezentata kopja tieghu

In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li l-ebda rapprezentant jew impjegat tas-socjeta` ma mar l-*MEPA* sabiex igib ic-certifikat in kwestjoni.

Fil-kontro-ezami ulterjuri fit-2 ta' Mejju 2018, Mark Vassallo spjega li huwa kien ilu f'dan it-tip ta' negozju ghal madwar ghaxar (10) snin izda rega' sahaq li l-prassi tal-istess socjeta` kienet li l-procedura ta' importazzjoni kien jiehu hsiebha impjegat tal-istess izda li dak iz-zmien ma kienx baqa' jahdem maghhom.

Huwa spjega li ghalkemm fil-prezenti gurnata huwa konsapevoli li l-procedura tehtieg li s-socjeta` tkun fil-pussess tac-Certifikat tac-*CITES* qabel il-wasla tal-merkanzija mill-esteru huwa stqarr li dak iz-zmien kif ra li mal-prodotti kienu waslu dokumenti li fosthom kien hemm ic-certifikat tac-*CITES* huwa haseb li ma kienx hemm il-htiega ta' certifikat iehor.

Di fatti in re-ezami huwa spjega li kif sab ruhu rinfaccat b'din il-problema huwa ghamel kuntatt mal-*MEPA* sabiex jottjeni dan ic-certifikat izda gie mgharraf li dan ma kienx possibbli peress li l-merkanzija lahqet waslet Malta. Kien sar appuntament mal-ufficjali tad-Dwana li kif raw l-arloggi huma talbuh ic-cineg izda ma giex prekluz milli jzomm l-arloggi. Pero` madwar siegha wara huwa rcieva telefonata mid-Dwana sabiex jirritorna l-arloggi, kif fil-fatt ghamel.

In kontro-ezami ulterjuri x-xhud ikkonferma li rcieva telefonata mid-Dipartiment tad-Dwana sabiex jirritorna l-arloggi lura fejn gie informat li mhux suppost hadhom. Meta irritornahom huwa gie mgharraf li b'sempliciment talba l-arloggi setghu jigu irritornati. Pero` wara diversi ittri interpellatorji l-arloggi ma gewx ritornati u kellu jintavola l-proceduri odjerni.

Permezz ta' **Nota** ta' Arthur Castillo u Mark Vassallo[3] pprezentaw kopja tal-Atti fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Mark Vassallo et:

*"Akkuzati talli nhar it-13 t'Awwissu 2015 u/jew gimghat precedenti gewwa dawn il-Gzejjer, bhala kumpanija Vascas Enterprises Limited (C17826)*
*Importajtu fil-komunita` jew esportajtu (il-kelma "jew esportajtu" fic-citazzjoni giet ripetuta) mill-gdid mill-Komunita` cinga/cineg ta' ezemplari ta' American Alligator - Alligator mississippiensis minghajr il-permessi jew Certifikati neccessarji, jew b'xi permess jew Certifikat falz, iffalsifikat jew invalidu, jew permess jew Certifikat li jkun gie mibdul minghajr l-awtorizazjjoni ta' l-Awtorita` li tkun hargitu bi ksur ta' Regolament 8(1)(a) ta' l-A.L. 236 ta' l-2004.*

*Talli ukoll fl-istess dati, zmien u cirkostanzi, dahhaltu cinga/cineg ta' ezemplari ta' American Alligator-Alligator miussissippiensis gewwa jew hrigtu l-barra jew ghaddejtu fi transit mit-territorju tal-Komunita` minghajr il-permess jew certifikati necessarji mahruga skond il-provvedimenti tar-Regolament Principali fil-kaz ta' esportazzjoni jew esportazzjoni mill-gdid minn pajjiz iehor li jkun parti fil-Konvenzjoni, mhux skond il-provvedimenti ta' l-istess Konvenzjoni jew minghajr ma tingieb prova sodisfacenti ta' l-ezistenza ta' dak il-permess jew certifikat bi ksur ta' Regolament 8 (1) (i) ta' A.L. 236 ta' l-2004.*
*Talli ukoll fl-istess dati, zmien u cirkostanzi, nqastu milli tapplikaw bil-miktub ghand l-Awtorita` Amministrattiva skond il-provvedimenti tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti bi ksur ta' Regolament 8(1) ta' l-A.L. 236 ta' l-2004.*

---

[3] tal-25 ta' Ottubru 2017

*Akkuzati ukoll talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, importaw jew dahhlu jew kellhom x'jaqsmu filli jigu mportati jew imdahhla f'Malta tlett arloggi li kellhom cinga taghhom maghmula minn gilda ta' Alligator, liema importazzjoni ta' din ic-cinga hija pprojbita u/jew limitata u/jew ristretta u dan ghax ma kienx hemm il-permess mehtieg skont il-ligi. Dawn l-arloggi, b'valur ta' €4,879.92, gew maqbuda bin-Nota ta' Qbid Numru: 190/2015. Dan bu ksur tal-Artikli 60 (B), 62 (A), tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, tal-Ligijiet ta' Malta."*

Minn dawn l-atti jirrizulta illi:

- 1 ta' Marzu 2017 – Ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) minn Arthur Castillo – Multa €466 – Konfiska Esebiti.

- 31 ta' Mejju 2017 - Rikors ta' Mark Vassallo u Arthur Castillo quddiem l-istess Qorti - saret talba ghal kjarifika ta' Qorti fis-sentenza tal-1 ta' Marzu 2017 fir-rigward tal-kliem 'konfiska esebiti'.

- 4 ta' Lulju 2017 - Digriet - L-oggetti mertu ta' konfiska ordnat fis-sentenza huwa limitat ghac-cineg tal-arloggi u mhux ghall-mekkanizmu tal-arloggi innifsu, liema mekkanizmu mhuwiex maghmul minn materjal li huwa mhares mill-Ligi w ghalhekk ordnat lill-Ufficjali Prosekutur sabiex jinforma lid-Dipartiment tad-Dwana u irriservat li tipprovdi ulterjorment fil-konfront tal-istess Dipartiment jekk dan l-ordni ma jkunx esegwit minnufih.

- 18 ta' Lulju 2017 - Rikors tad-Direttur Generali (Dwana) sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-4 ta' Lulju 2017 u dan in vista tal-fatt li l-artikolu 60(b) tal-Ordinanza tad-Dwana hemm

stipulat li f'kaz li l-importazzjoni tal-oggetti hija wahda pprojbita dawn ghandhom jigu konfiskati flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu maghhom kif fil-fatt ghamlet l-Qorti fis-sentenza tal-1 ta' Marzu 2017 u cioe' il-mekkanizmu flimkien mac-cinga.

- 26 ta' Lulju 2017 - Il-Qorti cahdet it-talba.

**Provi Intimat**

**Maria Farrugia Booker**[4] xehdet permezz ta' Affidavit illi:

Fis-27 ta' Lulju 2015 il-merkanzija ta' importazzjoni bin-numru ta' referenza 2015602396022 ma gietx irrilaxxata mill-*Airfreight section* f'Hal-Luqa lil rapprezentat tas-socjeta` *Vascas Enterprises Limited* peress li ma kelliex *clearance* tas-*CITES*.

Fit-13 ta' Awwissu 2015, Mark Vassallo flimkien ma ufficjal tas-*CITES/MEPA* marru fis-Sezzjoni tad-Dwana maghrufa bhala *Airfreight Section* f'Hal-Luqa sabiex jirrilaxxaw merkanzija importata mis-socjeta` *Vascas Enterprises Limited*. Id-dikjarazzjoni ta' importazzjoni giet sottomessa lid-Dwana flimkien ma dokumenti ohra fosthom fatturi mibghutha mill-kumpanija *Louis Erard* li jinkludu konsenja ta' tlett arloggi bic-cineg imwahhlin parti minn konsenja akbar. Il-fatturi kellhom in-numru ta' referenza FC-14-04709 u FC-15-05222 datati 23 ta' Dicembru 2014 u 27 ta' Frar 2015 rispettivament.

Flimkien ma ufficjal tas-*CITES/MEPA* saret spezzjoni tal-arloggi. Mid-dokumenti sottomessi mill-istess socjeta` irrizulta li l-arloggi kellhom

[4] *Principal* fid-Dipartiment tad-Dwana - A fol. 44 sa 45 tal-process

ic-cineg taghhom maghmulin mill-gilda ta' annimal.[5] Wara spezzjoni minn ufficcjal tas-*CITES Management Authority* gie kkonfermat li ic-cineg inkluzi mat-tlett (3) arloggi kienu maghmulin minn annimal protett skont ir-Regolament tas-*CITES* precizament mill-gilda ta' *alligator* maghruf bhala *alligator mississippiensis*. L-arloggi gew mizmuma mid-Dwana peress li c-certifikat tas-*CITES* intiz ghal protezzjoni ta dawn it-tip ta' annimali ma kienx in regola peress li ma giex ipprezentat lis-*CITES Management Authority* ta' Malta fi hdan id-Direttorat tal-*MEPA* qabel il-wasla tal-arloggi f'Malta.

Ghalhekk harget in-Nota ta' Qbid mid-Dwana fir-rigward tat-tlett (3) arloggi bin-numru 190/2015

In kontro-ezami fit-12 ta' Gunju 2018 (A folio 62 sa 72 tal-process) Maria Farrugia Booker spjegat li hija tokkupa l-pozizzjoni ta' *Releasing Officer* gewwa l-*Cargo Shed* specifikament fl-importazzjoni ta' merkanzija fejn l-importatur jew rapprezentant tieghu jmorru sabiex jigbru x-xoghol. Hija spjegat li skont ir-*risk assessment* da parti tad-Dwana tigi rilaxxata l-merkanzija. L-arloggi in kwestjoni kienu *green entry* fejn normalment ma ssirx spezzjoni u x-xoghol jigi rilaxxjat minn sezzjoni ohra izda meta l-oggett ikun tal-gilda huwa rekwizit li d-Dipartiment jezigi l-*clearance* tas-*CITES.*

Ix-xhud ikkonfermat li fis-27 ta' Lulju l-merkanzija importata fir-rigward tad-dokumentazzjoni relatata mas-*CITES* kienet fil-pussess ta' *export certificate* izda l-importatur ma kellux *import certificate*.

---

[5] Dok MFB1 u Dok. MFB2 - Kopja tal-fatturi (A folio 46 sa 48 tal-process)
Dok MFB3 u Dok. MFB4 - Certifikat tal-EUR1 u c-certifikat tas-*CITES* (A folio 49 sa 50 tal-process)
Dok. MFB5 - Ritratt tat-tlett arloggi (A folio 51 tal-process)

Hija spjegat li meta saret l-ispezzjoni ta' dawn l-arloggi fit-13 ta' Awwissu prezenti kien hemm ir-rikorrenti Mark Vassallo kif ukoll rapprezentant tal-ERA[6] izda ma kenitx certa jekk din il-persuna kenitx Julian Saliba. Fil-gurnata in kwestjoni x-xhud ikkonfermat li Mark Vassallo inghata il-mekkanizmu tal-arlogg u l-ufficjal tal-ERA zamm ic-cineg. Pero` hekk kif hija informat il-*Head of Section*, Andrew Cassar giet immedjatament mgharrfa li din il-procedura ma setghetx issir peress li l-oggett kien gie iddikjarat bhal arlogg shih u f'kaz ta' konfiska skont Kapitolu 37, artikolu 60B tal-Ordinanza tad-Dwana l-oggett irid jigi maqbud fl-intier tieghu. Mark Vassallo gie informat telefonikament, gab l-arloggi lura, ic-cineg twahhlu mal-arloggi quddiem Andrew Cassar u ttiehdu r-ritratti.

Ghajr ghal din l-ispezzjoni hija ma zammet kuntatt ma ebda rapprezentant jew impjegat tas-socjeta` *Vascas Enterprises Limited* izda fir-rigward ta' dan il-kaz kienet ikkorispondiet ma' Andrew Cassar. Kienet id-Dwana li hadet id-decizjoni sabiex tikkonfiska l-arloggi bil-mekkanizmu u c-cineg. Mal-arloggi kien hemm merkanzija ohra flimkien mal-istess konsenja li giet rilaxxata.

In re-ezami, ix-xhud ikkonferma li s-socjeta` *Vascas Enterprises Limited* iddikajrat l-arlogg bhala wiehed shih kif ukoll li l-arloggi inzammu mid-Dwana ai termini tal-proviso tal-artikolu 60B tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Kieku l-istess socjeta` iddikjarat l-oggetti separatament kienet tapplika tariffa differenti.

Fil-kontro-ezami ulterjuri x-xhud spjegat li d-dikajrazzjoni tal-merkanzija saret mis-socjeta` *Express Trailers Limited* izda d-Dwana

[6] Illum tissejjah *ERA* precedentement kienet tissejjah *CITES MEPA* (A folio 67 tal-process)

dejjem timxi fuq il-*Consignee* f'dan il-kaz is-socjeta` *Vascas Enterprises Limited Enterprises Limited*.[7]

**Sottomissjonijiet tar-rikorrenti[8]:**

Ir-rikorrenti jissottomettu illi l-imsemmija Nota ta' Qbid hija insostenibbli u dan ghaliex l-arloggi ma jaqghux that il-kategorija ta' "oggetti projbiti". Dan kif gia gie deciz ukoll fis-sentenza **Classic Group Ltd vs Ministeru tal-Finanzi et[9],** liema fatti kienu kwazi identici, sussegwentament konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-02 ta' Marzu 2018, fejn il-Qorti ta' l-Appell ghamlet distinzjoni cara ukoll bejn oggetti projbiti u oggetti li l-importazzjoni taghhom hija ristretta/limitata.

Ir-rikorrenti jissottomettu ukoll illi l-intimat ma applikax il-principju tal-proporzjonalita f'din is-sitwazzjoni. Jissottomettu li dan il-principju huwa applikabbli fil-kaz in ezami, tenut kont ukoll illi r-rikorrenti ma agixxewx b'mala fede u lanqas pruvaw idahhlu l-merkanzija f'Malta bil-mohbi. In oltre l-awtorita kompetenti talbet il-konfiska tac-cineg biss u mhux tal-arloggi ukoll.

**Sottomissjonijiet tal-intimat[10]:**

L-intimat jissottometti illi: Ir-rikorrenti messhom ghamlu l-verifiki taghhom dwar l-arloggi bic-cineg qabel ma dawn waslu Malta; L-intimat qatt ma kien parti ta' xi ftehim li jigu rilaxxjati l-arlogg u konfiskati biss ic-cineg; Ic-certifikat tas-CITES kellu jigi prezntat lill-MEPA qabel il-wasla tal-oggetti f'Malta u mhux wara; L-intimat ma

[7] Ix-xhud ipprezentat tlett Dokumenti: Dok. MFB1, MFB2 u MFB3 (A fol. 73 sa 82 tal-process)
[8] A folio 85 sa 94 tal-process
[9] Rikors nru: 193/13 deciz 13 ta' Lulju 2016
[10] A folio 97 sa 104 tal-process

jaqbilx mal-interpretazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tas-sentenza moghtija fil-kawza Pulizija vs Mark Vassallo et; In oltre tali determinazzjoni fl-azzjoni kriminali hija distinta mill-azzjoni civili; Jirrizulta car li c-certifikat tal-importazzjoni ma giex prezentat qabel il-wasla tal-merkanzija; Ir-rikorrenti ma mxewx ma' dak li titlob il-ligi fir-regolamenti tas-CITES; Fir-rigward tal-principju tal-proporzjonalita l-intimat jesegwixxi r-Regolamenti tas-CITES li japplikaw internazzjonalment; L-emedi fil-ligi saru biex jiccaraw l-intenzjoni tal-legislatur u mhux biex jaghmlu xi distinzjoni bejn arlogg u c-cinga tieghu izda biex l-oggett jinqabad fl-intier tieghu.

Permezz ta' nota tas-06 ta' Novembru 2018, kif awtorizzati mill-Qorti, ir-rikorrenti pprezentaw is-segwenti dokumenti[11]:

- 15 ta' Ottubru 2018 - Rikors tal-Avukat Generali fl-Atti tal-Kawza Il-Pulizija vs Mark Vassallo et fil-Qorti tal-Magistati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza fl-1 ta' Marzu 2017 - Talba ghas-sospensjoni tal-effetti imsemmija fid-Digriet tal-4 ta' Lulju 2017 ghar-rilaxx tal-arloggi.

- 25 ta' Ottubru 2018 - Digriet - Cahdet it-talba u f'kaz li l-ordni tal-Qorti ma tigix onorata fi zmien gimghatejn millum, il-Qorti tipprocedi sabiex issib lid-Direttur Generali (Dwana) hati ta' disprezz u timponi ukoll piena *per diem* u tordna li jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu personalment.

[11] A folio 106 sa 108 tal-process

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti:**

Illi, mill-fatti li jirrizultaw mill-provi prodotti u mill-atti fil-kawza, jirrizulta li l-uniku nuqqas da parti tar-rikorrenti, f'din is-sitwazzjoni, huwa l-fatt li r-rikorrenti ma applikawx ghac-certifikat tas-CITES qabel ma l-merkanzija kienet waslet Malta. Ir-rikorrent Castillo xehed li dan ma sarx b'xi hsieb izda li fl-okkazjonijiet precedenti meta r-rikorrenti ghamlu importazzjonijiet simili kien hemm persuna li normalment kienet tiehu hsieb tottjeni d- dokumenti kollha mehtiega inkluz dan ic-certifikat. Illi pero din ma baqghetx impjegata u din l-importazzjoni ha hsiebha hu. Hu kien taht l-impressjoni li kellu d-dokumenti necessarji in regola sakemm intalab dan ic-certifikat. Meta mar biex jaghmlu, gie infurmat li la darba l-konsenja kienet gia waslet Malta ma setax jottjeni dan ic-certifikat. L-intimat baqa' jsostni din il-posizzjoni.

Ma ngabet l-ebda prova li f'dan l-agir kien hemm xi mala fede da parti tar-rikorrenti.

Illi l-Qorti gia kellha okkazjoni tiddikjara ruhha f'kazijiet simili. Mhux biss izda dahlet ukoll f'certu dettal u siltet ukoll distinzjoni bejn merkanzija projbita u merkanzija ristretta jew limitata.

Il-Qorti hawnhekk terga' taghmel referenza ghall-kawza Rikors Numru: 192/2013 Classic Group Limited (C13841) vs Ministru tal-Finanzi; Kummissarju tat-Taxxi; Direttur Generali tad-Dwana; L-Avukat Generali; Awtorita` Maltija dwar l-Ambjent u Ippjanar - Deciza 13 ta’ Lulju 2016. Il-mertu tal-kaz f'dik il-kawza huwa simili hafna jekk mhux identiku ghal kaz odjern, fejn il-Qorti ordnat ir-rilaxx ta’ tlett arloggi minghajr ic-cineg. Ghalkemm id-Direttur Generali (Dwana) appella mis-sentenza in kwestjoni, Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza fis-sentenza taghha tat-2 ta’ Marzu 2018.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz in ezami ghandhom japplikaw l-istess principji hemm enuncjati.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-imsemmija arloggi eskluzi c-cineg, u konsegwentament (1) Tirrevoka n-Nota ta' Qbid bin-numru 190/2015 datata s-17 ta' Novembru 2015 fir-rigward tal-imsemmija arloggi eskluzi c-cineg u (2) Tordna ir-rilaxx immedjat tal-imsemmija arloggi eskluzi c-cineg illi jinsabu maqbuda ai termini tal-istess Nota ta' Qbid bin-numru 190/2015. Bl-ispejjez tal-prezenti inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 3142/15 datata t-30 ta' Novembru 2015 kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur